# L-AKKADEMJA TAL-MALTI

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**VILLA FRERE – WIRT NAZZJONALI LI GĦANDNA NĦARSU**

L-Akkademja tal-Malti tinnota b’dispjaċir il-proposta pendenti biex żewġ vilel f’tal-Pietà jinbidlu f’dar tal-anzjani. Hija tassew ħasra li postijiet b’relazzjonijiet mal-istorja tal-lingwa qed jiġu meqjusa sempliċiment formola li tkabbar il-kapital.

Mikiel Anton Vassalli sab ħafna għajnuna minn John Hookham Frere, li kien il-President tal-Kunsill tal-Università u bis-saħħa tiegħu sar l-ewwel Professur tal-Malti fl-Università. Għaldaqstant, Villa Frere għandha valur mhux biss arkitettoniku imma wkoll lingwistiku u letterarju għax Frere laqa’ fiha personaġġi kbar barranin bħal Sir Walter Scott, Gabriele Rossetti u John Davy kif ukoll Maltin magħrufa bħal Luigi Rigord, Serafino Marmarà, Saver Caruana, Vincent Borg Brared u Giorgio Grognet.

Ħafna kienu l-akkademiċi li kkonsultaw ruħhom ma’ Frere f'din il-villa storika u l-aktar li jispikka fosthom huwa Mikiel Anton Vassalli li miegħu certament mexa fil-ġonna ta’ Villa Frere waqt li fasslu flimkien it-triq li minnha l-ilsien Malti kellu jgħaddi għall-għarfien uffiċjali.

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

29.08.2017

---

President – Dr Mario Cassar | Viċi President – David Agius Muscat | Segretarju – Joseph P. Borg | Teżoriera – Phyllis Debono
Assistent Segretarju – Reno Fenech | Assistenta Teżoriera – Ann Marie Schembri
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Sergio Grech
Membri – Charles Casha, Dr George Farrugia, Rita Saliba, Dr Olvin Vella